Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Michael Borg |
| **Assenti**: | Dr. Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivita' "Jum Ħal Luqa"
5. Ħarġa Kulturali
6. Tenders re Day Centre
7. Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sur Victor Caruana talab li jemenda para. 2.2 fejn minflok il-kliem "…. Dan ta' l-aħħar għad irid jidħol Malta …" jidħol il-kliem " …. Dan kien diġa' ntuża hawn Malta". Din l-emenda ġiet approvata.

1.2 Peress li ma kienx hemm emendi oħra, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Joe Camilleri ssekondata mis-Sur Joseph Scicluna.

## 2. RIFERENZA GĦALL-MINUTI

2.1 Kemm is-Sindku John Schembri kif ukoll il-Kunsillier Victor Caruana taw rendikont fuq vannijiet li marru jaraw bil-għan li jinxtara wieħed għall-użu tal-Kunsill. Is-Sindku qal li wara ż-żjarat li għamlu f'żewġ postijiet u raw il-prezzijiet tal-vannijiet disponibbli, hu (is-Sindku) flimkien mal-Viċi Sindku Joseph Scicluna żaru l-istabbiliment tal-KIA fejn raw vann li, fl-opinjoni tagħhom, huwa addattat għall-Kunsill.

2.2 Is-Sindku żied igħid li l-vann li raw, tat-tip EQ1020, huwa ġdid, b'magna zgħira, ma jaħlix ħafna petrol u se jiġi jiswa €10,000 li l-prezz tiegħu huwa orħos mill-oħrajn. Aħna rriduh għal xogħol ta' manutenzjoni u li ma jqumx ħafna flus.

2.3 Is-Sur Victor Caruana ppropona li meta jinxtara l-vann isir fuqu logo tal-Kunsill Lokali u saħaq fuq l-importanza li naraw fejn se jitħalla fil-għaxijiet u min se jsuqu. Ippropona wkoll li jinstab garaxx li jesa' żewġ karozzi ħalli jkun hemm spazju fejn jinħażen ukoll il-materjal.

2.4 Wara d-diskussjoni, is-Sindku, issekondat mill-Viċi Sindku ressaq għall-approvazzjoni li jinxtara mingħand il-KIA l-vann tat-tip EQ1020 ġdid għall-prezz ta' €10,000. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tas-Sindku.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-18 ta' Marzu 2010, fosthom:

a) Ittra mill-Għaqda Ortikultura Maltijia dwar il-Wirja tar-Rebbiegħa li se ssir fil-Ġonna ta' San Anton nhar is-Sibt u l-Ħadd, 1 u 2 ta ' Mejju 2010. Il-Kunsill qabel li ssir il-qoffa tas-soltu bi prodotti agrikoli.

b) Tagħrif dwar ir-riforma li qegħda tiġi proposta fis-sistema dwar l-infurzar tal-liġi (L.E.S.)

c) Email mid-DGL dwar skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet għas-sena 2010.

d) Email mid-DGL dwar ir-rotot minn fejn se jgħaddi l-Q.T. il-Papa matul iż-żjara tiegħu f'Malta nhar is-17 ta' April 2010.

e) Email mill-AKL biex il-Kunsilli ma jaċċettawx ħlasijiet ta' ċitazzjonijiet maħruġin mill-MEPA.

f) Memo mill-DGL li tagħmel sejħa għal applikazzjonijiet għall-kariga ta' Segretarji Eżekuttivi tal-Kumitat Reġjonali.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-18 ta' Marzu 2010.

## 4. JUM ĦAL LUQA

4.1 Dwar dan il-JUM is-Sindku qal li l-attivita' li ġiet organizzata s-sena l-oħra ngħatat għarfien nazzjonali minn l-awtoritajiet ċentrali minħabba s-suċċess li kisbet. Tant huwa hekk li anke l-istess awtoritajiet allokaw flus lill-Kunsill biex terġa' tittella' din l-attivita' anke din is-sena.

4.2 Is-Sindku kompla jgħid li biex jintlaħaq is-suċċess mixtieq ta' din l-attivita' li issa ddaħħlet anke fil-kalendarju kulturali tas-Segretarjat Parlamentari tat-Turiżmu, hemm bżonn l-għajnuna u l-koperazzjoni ta' l-għaqdiet tar-raħal. Propju għalhekk, qal is-Sidku, li nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu 2010 se ssir laqgħa apposta għall-għaqdiet kollha. Din se ssir fis-Sala Komunitarja u ħeġġeġ lil kulħadd sabiex jattendu.

4.3 Dwar Jum Ħal Luqa s-Sindku qal wkoll li ta' kull sena il-Kunsill jinnomina persuna biex tingħata ''Ġieħ Ħal Luqa''. Wara talab lill-Kunsillieri sabiex jipproponu nies li jaħsbu li jimmeritahom dan il-Ġieħ, filwaqt is-Sindku ppropona li ''Ġieħ Ħal Luqa'' din is-sena jingħata lit-Tabib Joe Borg.

4.4 Kien hemm qbil unanimu għal din in-nomina, imma l-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li qabel ma jsir kollox uffiċċjali, ikun jaqbel li jiġi avviċinat xi ħadd viċin it-Tabib Borg biex jikkonfermalna dwar saħħet il-persuna li ġiet ipproponuta.

## 5. ĦARĠA KULTURALI

5.1 Il-Kunsilliera Luċia Massa qalet li l-ħarġa li kienet ippjanata għat-23 ta' Marzu tħassret minħabba diffikultajiet li nqalgħu biex jinstab post taż-żjara. Ippruvat għal żjara fil-Palazz ta' San Anton, fejn qalu li żjarat ta' din ix-xorta m'għadhomx isiru. Ippruvat wkoll żjara għal Villa Francia f'Ħal Lija fejn iċ-ċans hu li ssir wara ż-żjara tal-Papa, tant li tajnihom tliet dati biex jagħżlu waħda minnhom.

## 6. TENDER RE DAY CENTRE

6.1 Is-Sindku qal li t-tender li għad għandna perndenti dwar id-Day Centre hija dik dwar l-installazzjoni tal-lift. Huwa qal li għal din it-tender kienu ntefgħu erba' (4) offerti u li minħabba t-teknikalitajiet li fihom, dawn ġew mgħoddija lill-Perit biex jagħmel evalwazzjoni tagħhom, kif wkoll rapport dwarhom.

6.2 Is-Sindku żied igħid li l-Perit lesta r-rapport tiegħu u wasal għall-konkluzzjoni li tidher fir-rapport (kopja tiegħu qegħda tiġi annessa ma' dawn il-Minuti u li għandu jittieħed bħala li jagħmel parti minn dawn l-istess Minuti).

6.3 Ir-rapport tal-Perit għal raġunijiet elenkati fir-rapport, jirrakkomanda li t-tender għandha tingħata lil Messrs Groffe Elevator Services Ltd. li kellhom it-tieni l-orħos offerta.

6.4 Il-Kunsill unanimament qabel fil-prinċipju mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Mariello Spiteri imma qabel ma' jsir kollox uffiċjali, il-Kunsill laqa' suġġeriment tas-Sur Joe Piscopo biex isir magħruf il-perijodu tal-garanzija u jekk hemmx xi servizz ta' manutenzjoni fuq il-lift mingħajr ħlas.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sat-18 ta' Marzu 2010 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.2 Waqt il-prezentazzjoni tal-lista ta' ħlasijiet, is-Sur Victor Caruana staqsa jekk is-Sinjura Salvina Borg, li tagħmel xogħol ta' tindif fil-premises tal-Kunsill, għandhiex riċevuta tal-VAT.

7.2.i Is-Sindku John Schembri wieġeb fin-negattiv u qal li s-Sinjura Salvina Borg ilha tagħti dan is-servizz sa mill-ewwel xhur tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali, anke meta s-Sur Victor Caruana kien Viċi Sindku tal-Kunsill. Żied igħid li ma jarax x'mottiv jista' jkun hemm biex dan il-punt qiegħed jitqajjem wara dawn is-snin kollha ma' mara anzjana li tgħix waħeda u taqla' ftit euros għax-xogħol li tagħmel.

7.3 Is-Sur Victora Caruana staqsa wkoll jekk il-persuna li ħadet it-tender tal-latrini kienet se titħallas għall-perijodu li matulu kien qiegħed isir xogħol ta' manutenzjoni tal-latrini.

7.3.i Is-Sindku wieġeb li din il-persuna suppost għandha titħallas aktar għax ix-xogħol li għamlet biex tnaddaf ta' kull jum wara x-xogħol ta' manutenzjoni li jkun sar matul il-jum, kien xogħol ħafna aktar minn dak mitlub minnha. Barra minn hekk waħda mil-latrini xorta waħda baqgħet miftuħa.

7.3.ii Hawnhekk is-Sindku ħa l-okkazjoni u ppropona li lill-ħaddiema li għamlu xogħol ta' *refurbishment* fil-latrini tiġi allokata mhux aktar minn €500 bejniethom bħala ringrazzjament tax-xogħol tajjeb li għamlu. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

7.4 Is-Sur Joe Piscopo qal li kien qiegħed jerġa' jfakkar fuq il-ħtieġa li jsir tindif tal-Water Culvert li hemm fi Triq Ganni Vassallo għax il-probabbilita' kbira hija li hemm xi sadd.

7.4.i Is-Sindku wieġeb li se jibgħat għall-kuntrattur biex jara fejn jinsab is-sadd.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-6.50 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa, filwaqt li ġiet ifissata d-data tat-23 ta' April 2010 għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

- Konfermati llum 28 ta' April 2010.

________________________
John Schembri
Sindku

________________________
Franco Azzopardi
Segretarju Eżekuttiv